# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF LL.D.***

**ILLUM 13 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru. 14.**
**Citazz. Nm. 115/01 JRM**

**SMS INSURANCE AGENCY LIMITED fil-kwalita taghha ta' agent u ghalhekk ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Neville Mifsud ghan-nom ta' S. Mifsud and Sons Limited u 1-istess Neville Mifsud ghan-nom ta' S. Mifsud and Sons Limited**

**vs**

**Matthew MIFSUD**

## Il-Qorti,

Rat 1-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-vettura Mazda 626 li ghandha n-numru tar-registrazzjoni FAR 837 hija proprjeta' ta' S. Mifsud and Sons Limited u hija assikurata b'polza ta' l-assikurazzjoni comprehensive ma' SMS Insurance Agency Limited hlief ghal hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm25);

Illi nhar il-hamsa (5) ta' Gunju 1999 ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00 p.m.) fi Triq il-Palma, Hal-Tarxien, il-konvenut Matthew Mifsud kien qieghed isuq vettura Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni DAI 627 habat ma' u kkawza hsarat fuq il-vettura Mazda 626 li ghandha n-numru tar-registrazzjoni FAR 837 li kienet misjuqa minn Kevin Sciortino u dan ghall-incident li huwa unikament responsabbli ghalih l-istess konvenut minhabba negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Illi d-danni rizultanti sofferti mill-atturi jammontaw ghas-somma ta' Lm1241.92, kwantu ghal Lm1216.92 imhallsa mis-Socjeta' SMS Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Neville Mifsud ghan-nom ta' S. Mifsud and Sons Limited u kwantu ghal Lm25.00 "excess" imhallsa minn Neville Mifsud ghan-nom ta' S. Mifsud and Sons Limited;

Illi l-konvenut debitament interpellat baqgha inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident stradali de quo ghar--ragunijiet aktar ‘il fuq imsemmija;

2 Tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta’ Lm1241.92 jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti liema danni jkunu divisi kwantu ghal Lm1216.92 dovuti lil SMS Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Neville Mifsud ghan-nom ta’ S. Mifsud and Sons Limited u kwantu ghal Lm25 “excess” dovuti lil Neville Mifsud ghan-nom ta’ S. Mifsud and Sons Limited;

3 Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas dik is-somma hekk likwidata bhala danni kif imsemmi fit-tieni talba hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-atti gudizzjarji prezentati qabel din l-istanza u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra Citadel Insurance plc assikuraturi tal-konvenut, bl-imghax bit-8% mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet** tas-socjeta’ **attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident stradali de quo ghar-

ragunijiet aktar ‘il fuq imsemmija;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta’ elf mitejn u wiehed u erbghin liri maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm1241.92) liema danni jkunu divisi kwantu ghal Lm 1216.92 dovuti lil SMS Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Neville Mifsud ghan-nom ta’ S. Mifsud and Sons Limited u kwantu ghal Lm25 “excess” dovuti lil Neville Mifsud ghan-nom ta’ S. Mifsud and Sons Limited;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas dik is-somma hekk likwidata bhala danni kif imsemmi fit-tieni talba hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-atti gudizzjarji prezentati qabel din l-istanza u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra Citadel Insunacne plc assikuraturi tal-konvenut, bl-imghax bit-8% mid-data tan-notifika ta’ 1-ittra ufficjali sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

**Moqrij a**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**13 ta’ Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**13 ta’ Marzu, 2001.**